# Il-Grajja

*Ta'* Ġużè Ellul Mercer

**ŻGĦORIJA**

Meta kont daqsxejn ta' fulu,
Ta' xi sebgħa jew tmien snin,
Fil-ħolm ħelu taż-żgħorija,
Jiemi kienu mitlufin.

Hemm fix-xtajta baħħarija,
Tas-sajjieda il-fqajrin,
Fuq xi tartarun bil-qiegħda,
Kont issibni ta' kull ħin.

Meta Karmnu ta' Lukarda,
Jew ħuh Leli, **it-temtumi,**
It-tnejn ta' daqs wieħed miegħi,
Kienu jaħbtu biex jinbxuni,

Nistidinhom kont għall-ġebel,
Min iwaddab l-aktar bgħid;
Min għandu ħila jwassalha,
Sad-dgħajsa ta' Ġanni **l-Għid.**

Sa hemm biss kienet taf tasal,
L-ambizzjoni tagħna t-tfal;
Għoxrin qasba jew ftit aktar,
Għalina kemm kienu twal!

Meta Karmnu, jien jew Leli,
Bi tqanżiħa l-aktar kbira,
Konna nwasslu ġebla żgħira,
Sa l-kajjik ta' Ninu **ftira,**

B'wiċċna mfawwar u b'nofs
daħka,
Konna nħarsu lejn xulxin,
U bħal Radames fl-Ajida,
Id-dar nidħlu rebbeħin.

**KBURIJA . . . .**

Meta nħloqt u bdejt nitfarfar,
U bdejt biex naqra xi ktieb,
U bdejt nifhem dak li naqra,
U f'moħħi lellex il-ħsieb.

Bdejt nintebaħ li dil-ġibda,
Dat-taħsir jew dan ix-xrar,
Li jaħraq in-nies u jeqred,
Mhux le marda tat-tfal żgħar.

Qrajt li qabel Mussolini,
Dolfu Hitler u Lenin,
Din il-marda kienet xterdet,
Man-nisel sħiħ tal-bnedmin.

Qrajt li wara dawk ta' Babel,
Li bnew torri biex 'il fuq,
Jilħqu bih sa l-ogħla sema,
Dil-marda rabbiet l-egħruq.

Kibret, xterdet u lill-bniedem
Jassret, fniet ma' tul iż-żmien;
F'erbat elef sena u aktar,
Ħallietu msammar fejn kien.

Mifni, mherri bi kburitu,
Irid jasal ma jafx fejn,
Daqqa jibni oħra jfarrak,
Irid joħroġ ma jafx mnejn.

Joħloq, jeqred u jinqered,
Jaħseb li wasal x'imkien
Aktar ma jagħmel biex jikber,
Dejjem iżjed qed jiċkien.

Einstein tana t-tijorija
Minn tar-raba'' dimensjoni.
Oħrajn qalu : kollox huwa
Elettroni u protoni.

Oħrajn stagħġbu u għaġġbu dinja,
Sabu raġġi saħħariu,
Kosmiki dawn sejħulhom,
Daqs tax-xemx dawn setgħanin.

Ftit qabilhom wieħed ieħor,
Ingliż għaref mhux bil-ftit,
Sab oħra, sejħilha **quantum :**
Tijorija **ta' kif trid.**

Għaliex qal : Din tiegħi tfisser
Li hawn saħħa fil-ħolqien,
Li jifhimha ħadd ma jista';
Li trid, tagħmel—kullimkien.

U ftit ftit fl-aħħar wasalna,
Fejn bdejt jien ma' wlied Lukarda,
Il-għorrief tal-mewġ saħħari,
Bħalna morda bl-ikreh marda,

Flok bil-ġebel, bil-mewġ tagħhom,
Habtu għall-qamar u għax-xemx,
Xħin laqtuhom fis bdew jgħajtu,
Qalu : Bħalna żgur ma hemmx ! !

**IL-BIDU TAT-TMIEM**

Kien hemm belt ftit taż-żmien ilu,
Fl-art imbegħda tal-Ġapan,
Hiroshima kien jisimha,
Belt il-fjuri u ż-żunżan.

Qalb il-ħelwa kriżantemi,
Kienu jgħammru mitt elf ruħ,
Jittamaw li Budda tagħhom,
Jeħlishom mill-mewt u l-ġuħ.

Iżda Budda x-xiħ ittarrax,
Jew raqad xi raqda kbira ;
Lejla waħda friefet suwed,
Resqu jtiru fuq dil-gżira.

Resqu l-friefet bil-qaddejja,
Tal-punent l-għorrief il-kbar,
Xħin waslu fuq Hiroshima,
Telqu tubu ta' l-azzar.

**Dan it-tubu fih kien jistor**
**L-akbar għerf tal-egħref żmien**
**Farka jofroq mar, tas-setgħa**
**Li żżomm wieqaf il-ħolqien.**

Xħin dil-farka ġiet mifruqa,
F'għamża biddlet il-lejl f'nhar,
Kinset kollox : qerdet kollox ;
U l-ajru għamlitu fwar.

U fil-qilla ta' ħruxitha,
Xorbot qisu mitt elf ruħ !
Il-kotra tal-boloh ferrħet ;
L-għaref baqa' bħal miblugħ.

Għax intebah li kburitu,
Aktarx qorbot din lejn tmiemha :
B'għerfu ħedded lilu nnifsu,
B'għaqlu qirda sab, flok sliema.